# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt


**28TTT/17**

**Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-tkomplija tat-tmienja w ghoxrin laqgha tas-sbattax il-sena tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li saret nhar it-Tnejn 13 ta' Gunju, 2011 fil-bini amministrattiv tal-Kunsill, Kumpless Umberto Calosso, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera.**

**Prezenti:**

Sur Horace J. Anastasi – Sindku
Sinjura. Mariella Micallef – Kunsilliera
Sur Carmel Camilleri – Kunsillier

Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Skuzati:**

Sur Ronald Brifa - Vici Sindku
Sur Stephen Sultana - Kunsillier
Sur Edwin Formosa - Kunsillier
Sur Cleavon Bugeja - Kunsillier

AGENDA

1. Talba

2. Qari u approvazzjoni tal-minuti (Minuti tat-18 il-Laqgha li saret fil-15 ta' Dicembru, 2010, Minuti tat-tkomplija tat-18 il-Laqgha li saret fis-6 ta' Jannar, 2011, Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-18 il-Laqgha li saret fis-17 ta' Jannar, 2011 u Minuti tat-

tkomplija tat-tkomplija tat-tkomplija li saret fil-21 ta' Frar, 2011). Dawn il-minuti ittiehdu bhala moqrija. Saru l-korrezjoni tal-minuti tal-laqgha li saret fil 15 ta' Dicembru, 2010 u gew approvati. Il-minuti tas 6 ta Jannar gew approvati. Bdew il-korrezjonjiet tal-minuti tal-laqgha li saret fis 17 ta Jannar, 2011.

3. Affarijiet li tqajmu mill-minuti (Minuti tat-18 il-Laqgha li saret fil-15 ta' Dicembru, 2010, Minuti tat-tkomplija tat-18 il-Laqgha li saret fis-6 ta' Jannar, 2011, Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-18 il-Laqgha li saret fis-17 ta' Jannar, 2011 u Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-tkomplija li saret fil-21 ta' Frar, 2011). L-affarijiet li tqajmu mill-minuti tal-laqgha li saret fil-15 ta' Dicembru, 2010 u tas- 6 ta' Jannar, 2011 huma lesta.

4. Kommunikazzjonijiet mis-Sindku. Din it-tema hija lesta.

5. Kunsill Lokali Zaghzagh - Din it-tema diga giet kunsidrata u ezawrita wara sospensjoni ta' l-agenda.

6. Aggornament

## 1 Talba / bidu tal-laqgha

Il-laqgha bdiet fil 5.35pm wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri prezenti.

## 2 Approvazjoni tal-minuti

Il-minuti tat-tkomplija tat-18 il-laqgha li saret fis-17 ta' Jannar, 2011 u l-minuti tat-tkomplija tat-18 il-laqgha li saret fil-21 ta' Frar, 2011 gew approvati nem con.

## 3 Affarijiet li tqajmu mill-minuti

Il-Kunsill qabel li ma hemmx punti x'jitqajmu mill-minuti.

## 4 Kommunikazzjonijiet mis-Sindku

Is-Sindku qal li ghalkemm fuq l-agenda deher li din it-tema hija lesta huwa kien ghad fadallu affarijiet li kellu jikkomunika lill-Kunsill u ghalhekk din it-tema kienet ukoll fuq l-Agenda.

### 4.01 Direct Orders ta' zmien ilu.

Is-Sindku fakkar li kien hemm kommunikat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-Kunsillier Sur Stephen Sultana ghandu jaghti rendikont dwar dawn id-Direct Orders peress li dawn saru zmien ilu meta s-Sur Stephen Sultana kien Sindku.

**4.01 Bord ta' hatra dwar Segretarju Ezekuttiv ghall Kunsill Lokali Santa Venera**

Is-Sindku qal li skond Memo 53/2011 datata 8 ta Gunju, 2011 u peress li l-Kunsill kien qed jahem sabiex jahtar u jimla l-post ta' Segretraju Ezekuttiv hemm il-htiega li jinhatar Bord tal-Ghazla li wara jirraporta lill-Kunsill dwar din l-ghazla.

Is-Sindku qal li dan il-Bord kien sejjer jigi maghmul hekk:

Horace J. Anastasi (Sindku), Carmel Camilleri (Kunsiller), Mariella Micallef (Kunsilliera) u Joseph M. Formosa (ex officio member)

Dan il-Bord sejjer ikollu l-ewwel laqgha nhar it-Tnejn 20 ta' Gunju, 2011 fid 9.30am sabiex jibda jaghmel l-arrangamenti mehtiega.

Il-Kunsillieri u l-Agent Segretraju Ezekuttiv accettaw din il-hatra u qablu li jkun hemm din il-laqgha kif qal s-Sindku.

**4.02 Reception mill-University of Malta Faculty of Medicine and Surgery fil-Gnien Romeo Romano fl 14 ta' Gunju, 2011**

Is-Sindku qal li saru l-arrangamenti kollha sabiex din l-attivita tkun ta' success u li l-Universita weghdet li taghti donazjoni lill-Kunsill.

**4.03 Progett tal-MITA-CARGA HOUSE, TRIQ IL-FERROVIJA SANTA VENERA**

Is-Sindku ghamel referenza ghal progett u qal li MITA qablet li talloka lill Kunsill is-somma ta €47,000 bhala kontribuzjoni mill budget taghha bhala Corporate Social Responsibility dwar il-progett u dwar li timmitiga l-inkonvenjent li tista tikkawza.

Is-Sindku qal li l-Kunsill diga rcieva s-somma ta €23500 u l-pagament iehor ta €23500 sejjer jithallas lill Kunsill fl-ewwel tlett xhur tas-sena 2012.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien sejjer ukoll jibbenifika sewwa minn somma ohra u li l-MITA weghdet ukoll ghotja ta second hand computers lill-Kunsill u li l-Kunsill ikun jista jqassam jqassam dawn lill xi residenti li jkunu jixtiequ jakwistaw computer izda li ma ghandhomx il-finanzi sabiex jaghmlu dan.

Il-Kunsill qabel ma dak li qal is-Sindku.

**4.04 Rifuzjoni ta' pagament dobbju**

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ircieva pagament doppju minghand s-Sur Anthony Falzon dwar kontravenzjoni ta' karozza minn CBN 707 u approva li jaghti lura s-somma ta €58 peress li kien car li kien sar pagament doppju.

Il-Kunsill approva li jaghti lura l-pagament ta' €58 lis-Sur Anthony Falzon.

**4.05 Sigar fi Triq il-Palazz L-Ahmar (fuq in-naha tal-hajt ta' l-skola St Michael) Santa Venera**

Is-Sindku qal li fil-fehma tieghu dawn is-sigar huma protetti bill-ligi u li jekk mhux qed jaghmlu hsara dawn ghandhom jibqghu f'posthom. Il-Kunsill qabel li jqabbad lill Perit Stephen Farrugia sabiex jaghmel rapport.

**4.06 Traffiku fi Triq il-Palazz l-Ahmar**

Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jitlob lit-Transport Malta (TM) sabiex minn din it-triq ma jghaddux trakkijiet hlief sabiex jaghtu servizz ghar residenti. Meta jinghata dan il-permess il-Kunsill ghandu jwahhal tabella fil-bidu ta Triq il-Palazz L-Ahmar li tmiss ma Triq il-Kanun – Trakkijiet ma jistghux jidhlu hlief sabiex jaghtu servizz lir-residenti.

**4.07 Garaxxijiet fil-bidu ta Triq il-Batterija li tmiss ma Triq il-Kanun**

Il-Kunsill qabel li jitlob sabiex issir soft area f'din il-parti tat-triq.

**4.08 Bord ta Riklamar fuq garaxx fil-bidu ta Triq il-Palazz L-Ahmar li tmiss ma Triq il-Kanun**

Is-Sindku qal li jidher li ilu ma jsir hlas sa mis sena 1994.

Il-Kunsill qabel sabiex jirreferi dan il-kaz lill avukat tal-Kunsill sabiex jaghti parir u li jittiehdu l-passi mehtiega sabiex il-Kunsill ihares l-interessi tieghu f'din il-materja.

**4.09 Roundabout zghira fil-pjazzetta ta Triq il-Palazz L-Ahmar li tmiss ma Triq il-Batterija (fuq in-naha ta gewwa fil-Housing Estate)**

Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex jaghmel roundabout zghira jew xi forma ohra ta traffic calmer sabiex it-traffiku li jkun diehel fi Triq il-Batterija jikkalma u mhux jidhol bi speed qawwi gewwa din it-triq.

**4.10 Tisbieh fil-Playing Field San Gorg Preca (Palazz L-Ahmar) u Guze Flores.**

Is-Sindku qal li ghandu jinghata bidu sabiex isir xoghol ta' tisbieh u manutenzjoni f'dawn iz-zewg Playing Fields.

### 4.11 Kontroll ta traffiku fi Triq San Gorg

Is-Sindku qal li parti ta Triq Regjonali li tidhol ghall Triq San Gorg ghandha ssir tohrog biss jew tidhol minn Triq Kardinal Sciberras jew minn Triq Salvinu Spiteri. Min jidhol minn Triq San Gorg ma jistax jaqbez Triq Salvinu Spiteri.

Triq Salvinu Spiteri ghandha jkollha tabelli fuq zewg nahat li trakkijiet ma jistghux jidlu hlief sabiex jaghtu servizz.

### 4.12 Gonna ta Casa Leoni u Romeo Romano

Is-Sindku fakkar li kien sar qbil sabiex il-Kunsill jixtri l-materjal mehtieg u x-xoghol mehtieg jinhadem mill-haddiema tal-Works Dept.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu japplika sabiex f'dan il-Gnien Romeo Roamno isiru 3 tolets wahda ta' l-irgiel, ohra tan-nisa u ohra ghall persuni bi bzonnijiet specjali.

Is-Sindku qal ukoll illi l-Kunsill ghandu jaghmel applikazjoni sabiex jaghmel librerija pubblika f'dan il-Gnien.

Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill ghandu jitlob lid-Dipartiment koncernat sabiex issir xi forma ta kazibo li tixraq l-ambjent li fiha tkun tista tinbiegh snacks u soft drinks lill dawk li jifrekwentaw dawn il-gonna.

Is-Sindku qal ukoll illi wara li jsiru l-preparazjonijiet mehtiega l-Kunsill japplika sabiex ghal dawn il-progetti jintuzaw il-flus tal-Urban Improvement Fund (UIF)

### 4.13 Is-Sindku qal li l-Kunsill gie avvicinat li jsir tieg gewwa gnien Romeo Romano.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jara jekk dan hux permissibli kif ukoll li jkollu xi tariffa u jaghmel analizi ta' l-ispejjez u risponsabilita li dwar min ihammeg irid inaddaf u jhallas.

### 4.14 CCTV Cameras fi Gnien Romeo Romano u Guze Flores

Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jitlob stimi dwar li jibdew jahdmu c-CCTV cameras sabiex f'kaz ta' bzonn l-Kunsill ikun jista jara d-DVR u jinqabad min jaghmel atti vandali u jkun hemm xiehda u evidenza meta l-kaz jitresaq il-Qorti.

### 4.15 Sleeping Policeman fi Triq Guze Pace ma Triq il-Lunzjata

Is-Sindku qal li t-TM talbet sabiex l-sleeping policeman ghandha tinqala u li l-Kunsill ghandu jagixxi skond it-talba ta' TM u jiehu passi sabiex din l-sleeping

policeman tinqala mill-post eziztenti u li l-materjal jigi storjat sewwa sabiex jerga jintuza skond l-htiega tal-Kunsill.

**4.16 Fleur De Lys Junction**
Il-Kunsill qabel li jikteb lit TM sabiex jinghata permess sabiex iwahhal tabelli li ma jidhlux trakkijiet hlief sabiex jaghtu servizz lir-residenti.

**4.17 Dwar inkombru fuq il-bankina li qed jaghmel il-hanut li hemm Triq il-Lunzjata qabel ma ddur fi Triq Gue Pace, Santa Venera**

Il-Kunsill qabel li tintbaghat ittra lis-Supretendent Magri dwar li dan is-sid tal-hanut qed johrog il-kaxxi fuq iz-zewg nahat fil-kantuniera u jkun ta inkonvenjent u perikolu ghall pedestrians.

**4.18 Karozzi fit-Tiq il-Kanun mahruga barra mill auto dealers.**

Il-Kunsill qabel li jiehu azzjoni necessarja sabiex l-auto dealers ma jkomplux johorgu dawn il-karozzi sabiex jesponuhom ghall bejgh peress li dawn il-karozzi qed jostakolaw kemm lit-traffiku kif ukoll ikunu ta’ riskju ghall pedestrians.

**4.19 Triq il-Ward – One Way**

Il-Kunsill qabel li jitlob lit TM sabiex Triq il-Ward issir One Way u t-traffic jidhol biss minn Triq il-Ferrovija u li ssir tabella sabiex ma jidhlux trakkijiet hlief li jaghtu serivizz ghar residenti ta’ din it-triq.

**4.20 Triq Dun Xand Cortis**

Il-Kunsill qabel li jitlob lit TM sabiex titwahhal tabella li ma jidhlux trakkijiet hlief li jaghtu servizz ghar-residenti ta’ din it-Triq. Din it-tabella ghandha titpogga fuq in-naha ta Misrah Santa Venera.

MEPA:

**4.21 Ksur tal-kontrol tal-ippjanar**
**fi**

a) Post: “Redentur” Garage no 62 Triq L-Imsida, Sta Venera

b) Post 62, Il-Kenn Triq L-Imsida, Santa Venera

Il-Kunsill qabel li l-Awtorita ta’ Malta dwar L-Ambjent u Ippjanar tiehu l-passi mehtiega skond il-ligi sabiex jitnehha kull zvilupp minghajr permess u s-siti jitregghu lura ghal kif approvat originalment.

**4.22 Servizz ta Emergency Response & Rescue**

Il-Kunsill gie infurmat dwar is-servizz li toffri l-Emergency Response & Rescue Corps bhal ma huma korsijiet u taghlim dwar l-ewwel ghajnuna u qabel li jsir kuntatt meta l-Kunsill jhoss il-htiega li jaghmel dan.

**4.23 Servizz bankarju offrut mill-Banif Bank**

Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-laqgha li kellu ma ufficjali tal-Banif Bank dwar servizzi bankarji li joffri dan il-Bank.Il-Kunsill qabel li jiehu nota tas-servizzi provduti sabiex ikun jista jezamina l-offerta tas-servizz u l-utilita tieghu ghal Kunsill.

**4.24 Triq 14 ta' Novembru**

Il-Kunsill qabel li jitlob lill Perit Stephen Farrugia sabiex jaghmel rapport ghall Kunsill dwar l-ilma li qed jingema gewwa din it-triq.

**4.25 Triq Agius De Soldanis**

Il-Kunsill qabel li jitlob lill Wardens sabiex jaghmlu aktar sorveljanza gewwa din it-triq u b'hekk jitnehha l-inkonvenjent dwar parking hazing u li anke jingombra d-dhul ta residenti privati.

**4.26 Devoluzjoni tar-Roundabout fil-bidu ta Triq il-Kbira San Guzepp**

Il-Kunsill qabel li jimla l-formola preskritta sabiex ikun hemm id-devoluzjoni formali u trasferiment tar-roundabout favur il-Kunsill ta Santa Venera.

**4.27 Devoluzjoni ta art zdingata fi Triq il-Kappillan Mifsud.**

Il-Kunsill qabel li jimla l-formola ta l-applikazjoni preskritta sabiex ikun hemm id-devoluzjoni formali u trasferiment ta din l-art favur il-Kunsill ta' Santa Venera.

**4.28 Latrina Pubblika fi Triq il-Kbira San Guzepp**

Il-Kunsill qabel li l-avukat ghandu jaghfas dwar il-bieb (dwar xi approvazjoni mhux maghrufa mill Kunsill) u dwar li l-Pulizija ghandhom jinvestigaw sewwa u jaghmlu dan fl-aqsar hin possibli.

**4.29 Talba tac-Chateau D'Ax**

Il-Kunsill qabel li ghandu jsir meeting mad-dirigenti ta dan l-istabiliment dwar il-pendenzi specjalment dwar il-pagamenti tar-riklami li huma dovuti lill Kunsill.

**4.30 Tower Crane fi Triq Qormi, Santa Venera**

Il-Kunsill qabel sabiex jitlob lid-dirigenti ta Bugeja Marbles li huma s-sidien tal-binja li qeghda fi stadju ta kostruzjoni, sabiex jersaq ghand il-Kunsill sabiex jaghmel il-pagamenti li huma dovuti ghall hafna zmien u li jassigura s-sigurta u s-sahha kemm ta min ikun qed jahdem fuq il-post kif ukoll ghal kull min ikun ghaddej fl-inhawi ta fejn jinsab il-crane jigu mharsa sewwa.

**4.31 Gbir ta skart**

Is-Sindku qal li qed jigi konsiderat li l-gbir ta skart domestiku mhallat jibda sir ghal wara t-8am ghaliex b'hekk jigi eliminat ir-riskju li jidhalla skart barra ghall hafna hin.

**Gheluq tal-Laqgha / Aggornament**

Il-Kunsill gie infurmat illi qed jipprepara sabiex johorgu l-offerti ghal-servizzi ta' Perit u dwar gbir ta skart domestiku mhallat.

Il-laqgha spiccat fit-7.45pm wara li giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 20 ta Gunju 2011 fuq Agenda li tigi komminikata lill Kunsillieri kollha qabel il-laqgha.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | Horace J. Anastasi |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |